MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 164/2000/1

**Ludovigo Azzopardi, Francesca Scicluna f'isimha u bhala mandatarja ta' l-imsefrin Antoinette Broutzas u John Spiteri; Raymond Azzopardi; Michelina Azzopardi bhala mandatarja ta' uliedha msefrin Frankie Azzopardi u Georgina Azzopardi; Carmel Apap f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu imsefrin Sam Apap u Nicholas Apap u b'digriet tat-8 ta' Frar 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Phyillis Portelli, Carmen Attard, Josephine Vella u Victor Apap ilkoll rapprezentati minn Carmelo Apap stante l-mewt ta' Nicholas Apap fil-mori tal-kawza; Rosina mart Giuseppe Mercieca, Maria mart Michele Buttigieg u b'digriet tat-27 ta' April 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Vivienne Catania mart Alexander Catania, John u Phyllis mart Angelo Bajada qua eredi tal-mejta Maria Buttigieg u zewgha Chalane sive Michel Buttigieg qua usufruttwarja stante l-mewt ta' Maria Buttigieg; Agnes mart Francis Buttigieg; Margaret mart Anthony Mizzi; Josephine mart Francis Mizzi; Carmen mart Anthony Sciberras; Mary Anne mart Carmel Camilleri; Felicia,**

**xebba; Anthony; Mary Rose mart Anthony Farrugia u Joseph, ilkoll ahwa Apap; Helen mart Bernard Bugeja f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Elizabeth mart Francesco Saverio Bugeja; Maria mart Carmelo Calleja f'isimha u bhala mandatarja ta' hutha imsefrin Josephine mart Saverio Vella u Paola mart Paolo Vella; Mary Jane mart Toni Bajada; Angolina mart John Mary Borg; Felic; u Maria Assunta mart Julius Vassallo, ilkoll ahwa Azzopardi; Maria mart John Gauci f'isimha u bhala mandatarja ta' hutha msefrin Felix u Anthony; Pawlu; Pauline mart Paul Azzopardi u Carmelo ilkoll ahwa Curmi, Philip, Joseph; Doris mart Carmelo Calleja, Carmen mart Robert Muscat u Felicia mart Joseph Sultana lkoll ahwa Bonnici; u Emmanuel Bonnici f'isem uliedu msefrin Frances Bonnici u Joyce Spiteri, Emanuel, Giovanna mart Carmelo Xuereb, Sister Maria Dolora fis-seklu Francesca, xebba, Margaret mart George Spiteri; Carmela mart Ganni Attard, Maria mart Anthony Cremona, ilkoll ahwa Galea.**

**vs**

**Dr Chris Said li b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2000 gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta lill-imsiefra Carmela Xerri, u Doris Spiteri li b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2000 giet nominata kuratrici deputata sabiex tirraprezenta lill-wirt ta' Angolina mart Alfred Cremona.**

**Il-Qorti,**

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi et nomine et jghidu hekk:

Illi Frangisk Apap bin il-mejtin Giuseppe u Giovanna Rosa nee' Zammit, u martu Giuseppa Apap bint il-mejtin Felic Galea u Mary nee Vella, mietu rispettivament fit-tnejn u

ghoxrin (22) ta’ April elf disa’ mija hamsa u hamsin (1955) u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru elf disa’ mija u sebghin (1970);

Illi l-konjugi Apap mietu improle, izda rregolaw is-successjoni taghhom permezz ta’ testment ‘unica charta’ fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech, fejn hallew lil xulxin uzufruttwarji generali ta’ xulxin u imbaghad Frangisk Apap innomina bhala eredi univerasli tieghu lil huh Felic Apap fi kwoti ta’ nofs u lit-tfal ta’ ohtu Rosina Azzopardi fi kwota tan-nofs l-iehor, mentri Giuseppa Apap innominat bhala eredi universali taghha liz-zewg hutha subien Giusepp Galea u Emmanuel Galea;

Illi mac-citazzjoni huma qeghdin jipprezentaw arblu tar-razza illi nbena minnhom fuq l-informazzjoni illi rnexxilhom jigbru, korroborata bic-certifikat ta’ stat civili kull fejn dawn kienu disponibbli, u illi gie kkonfermat illi huwa korrett sa fejn seta’ jkunu jafu;

Illi minn dan l-arblu jirrizulta illi mal-mewt ta’ Rosina Azzopardi wirtuha uliedha Ludovigo, Francesco, Giusepp u Grazia Mizzi. Wara l-mewt ta’ Giusepp, is-sehem tieghu wirtuh it-tliet uliedu Frankie, Raymond u Georgina, mentri mal-mewt ta’ Grazia Mizzi wirtuha z-zewg uliedha Rosina Spiteri u Charles Mizzi.  Izda peress illi dan ta’ l-ahhar miet guvni u improle u Rosina Spiteri wkoll mietet, illum sehem Grazia Mizzi intiret miz-zewg ulied ta’ Rosina Spiteri, cioe’ Antoinette Broutzas u John Spiteri;

Illi jirrizulta wkoll illi Felic Apap miet u wirtuh id-disat uliedu Salvu, Nikola, Carmelo, Giusepp, Ganna Rosa Azzopardi, Rita Curmi, Clementa Bonnici, Rosina Mercieca u Maria Buttigieg;

Illi mal-mewt ta’ Giusepp Apap fil-hamsa u ghoxrin ta’ Jannar elf disa’ mija hamsa u sebghin (1975) sehmu wirtuh id-disat uliedu Agnes Buttigieg, Margaret Mizzi, Josephine Mizzi, Carmen Sciberras, Mary Anne Camilleri, Felicia Apap, Anthony, Rose Farrugia u Joseph ilkoll ahwa Apap;

Illi meta mietet Ganna Rosa Azzopardi fit-tlieta ta' Dicembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) wirtuha uliedha Josephine Vella, Carmela Xerri, Paola Vella, Elizabeth Bugeja, Helen Bugeja, Mary Jane Bajada, Maria Calleja, Angolina Borg, Felic, u Maria Assunta Vassallo ilkoll ahwa Azzopardi;

Illi Rita Curmi mietet fit-tlieta ta' Jannar elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u wirtuha uliedha Maria Gauci, Felic, Anthony, Pawlu, Pauline Azzopardi, Carmelo, ilkoll ahwa Curmi;

Illi Clementa Bonnici mietet fit-tnejn ta' Frar elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u wirtuha uliedha Frances, Joyce Spiteri, Philip, Joseph, Doris Calleja, Felicia Sultana u Carmela Muscat, ilkoll ahwa Bonnici;

Illi Giuseppa Apap innominat bhala eredi universali taghha liz-zewg hutha subien Giusepp Galea u Emanuel Galea izda b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-2 ta' Gunju elf disa' mija sebgha u sebghin (1977) ulied Emanuel Galea in sostanza bieghu d-drittijiet kollha spettanti lilhom mill-wirt taghha lil Giusepp Galea illi allura gie l-uniku werriet taghha;

Illi dan Giusepp Galea miet f'Marzu elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) u wirtuh uliedu kollha Giovanna Xuereb, Emanuel, Sister Maria Dolores, Margaret Spiteri, Felicita, Carmela Attard, Maria Cremona u Angolina Cremona. Pero' Felicita Galea mietet xebba, improle u intestata u allura sehemha akkrexxa fuq hutha l-ohra kollha, mentri Angolina Cremona ukoll mietet fl-Awstralija fl-ewwel ta' Marzu elf disa' mija tlieta u disghin (1993) u l-atturi ma jafux precizament min huma l-eredi taghha u allura ntalbet il-hatra ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eredi incerti taghha f'din il-kawza;

Illi l-eredi ta' Giusepp Galea qeghdin jitolbu biss illi jigi likwidat sehem Giuseppa Galea nee' Apap mill-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien ma' zewgha u mhux ukoll l-assi l-ohra parafernali taghha;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni hawn fuq imsemmija u lill-esponenti jirrizultalu illi l-assi in divizjoni m'humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti;

Talbu ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara illi s-successjoni ta' Francesco Apap bin il-mejtin Giuseppe u Giovanna Rosa nee' Zammit illi miet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April elf disa' mija hamsa u hamsin (1955) giet aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti elenkati aktar 'il quddiem f'din ic-citazzjoni jew fi kwoti verjuri illi jistghu talvolta jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

2. tiddikjara illi s-successjoni ta' Giuseppa Apap bint il-mejtin Felic Galea u Mary nee' Vella, illi mietet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elf disa' mija u sebghin (1970) aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti elenkati aktar 'il quddiem f'din ic-citazzjoni, jew fi kwoti verjuri illi jistghu talvolta jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

3. tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Francesco u Giuseppa Apap billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Francesco Apap u lill-assi partikolari ta' Giuseppa Apap;

5. tillikwida l-beni partikolari ta' Francesco Apap billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Francesco Apap f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati

wahda kull wiehed lill-eredi ta’ Rosina Azzopardi u lill-eredi ta’ Felic Apap skond il-kwoti rizultanti hawn fuq;

7. tiddividi l-beni gja assenjati lill-assi ereditarji ta’ Giuseppa Apap mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u bejn zewgha lill-eredi ta’ huha Giuseppe Galea skond il-kwoti rizultanti hawn fuq;

8. tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-publikazzjoni ta’ l-opportun att ta’ divizjoni ta’ l-assi ereditarji hekk rizultanti bl-intervent ta’ kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. fin-nuqqas, f’kaz illi jirrizulta illi l-beni m’humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta’ l-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad;

Bl-ispejjez kontra taghhom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Chris Said li eccepixxa:

- illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

Slavi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni akkompanjanti u guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doris Spiteri bhala kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta l-wirt ta’ Angolina mart Alfred Cremona li eccepiet:

- illi hija ma topponix u qatt m'opponiet id-divizjoni mitluba mill-atturi salv illi jigu verifikati l-assi in divizjoni u salv illi jigu verifikati l-kwoti spettanti lil kull wiehed mill-kontendenti; u kwindi m'ghandha thallas ebda parti mill-ispejjez ta' dina l-kawza.

Slavi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors (folio 177) ghall-hatra ta' kuraturi deputati ghall-assenti Carmela Xerri u ghall-wirt tal-mejta Angolina Cremona u d-digrieti relattivi fejn gie nominat l-Avukat Chris Said bhala kuratur deputat ghall-assenti Carmela Xerri u Doris Spiteri ghall-wirt gjacenti tal-mejta Angolina Cremona (folio 182 u 181 rispettivament);

Rat il-verbal (folio 228) li fih gie nominat l-AIC Edward Xerri sabiex jaghmel stimi u pjanti ta' l-immobbli u jindika jekk huma divizibbli fid-dawl tal-kwoti tal-ko-eredi;

Rat ir-relazzjoni tal-perit arkitett nominat (folio 247 et seq) debitament mahlufa;

Rat id-digriet tat-8 ta' Frar 2002 (folio 234) permezz ta' liema l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi ta' Nicholas Apap li miet fil-mori tal-kawza;

Rat wkoll d-digriet tas-27 ta' April 2005 (folio 302) permezz ta' liema l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi ta' Maria Buttigieg li mietet fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ l-azzjoni taghhom l-atturi, qeghdin jitolbu li jigi diviz l-beni ta’ l-awturi taghhom il-mejtin Giuseppe u Giovanna nee’ Galea, konjugi Apap, li mietu rispettivament fit-22 ta’ April 1955 u 22 ta’ Dicembru 1970, u li in forza ta’ testament ‘unica charta’ atti Nutar Giuseppe Grech tal-1 ta’ Dicembru 1954 (folio 15) iddisponew in via ta’ eredi kwantu ghal Giuseppe Apap lil huh Felic Apap fis-sehem ta’ nofs indiviz u t-tfal ta’ ohtu Rosina Azzopardi fis-sehem tan-nofs indiviz l-iehor, u in kwantu ghall-martu Giuseppa nee’ Galea liz-zewg hutha subien Giusepp Galea u Emmanuel Galea. Dan ta’ l-ahhar miet cirka sentejn qabel it-testatrici u ghalih issubentraw uliedu.

Illi eskluza minn dina d-divizjoni hemm l-assi partikolari ta’ l-imsemmija Giuseppa Apap nee Galea liema assi jirrizultaw li jappartejnu lill-werrieta ta’ huha l-iehor, l-fuq imsemmi, Giuseppe Galea, ossija, fost l-atturi, Giovanna Xuereb, Emmanuel, Suor Maria Dolores, Margaret Spiteri, Carmela Attard, Maria Cremona u l-konvenuti kuraturi fil-persuna ta’ Doris Spiteri nominata sabiex tirraprezenta l-wirt gjacenti ta’ Angolina mart Alfred Cremona, dana in forza ta’ kuntratt esebit folio 168 atti Nutar Joseph Spiteri tat-2 ta’ Gunju 1977 minn fejn jirrizulta illi l-werrieta ta’ l-imsemmi Emmanuel Galea (gja istitwit eredi ta’ Giuseppa Apap nee Galea, flimkien ma’ huh Giuseppe u ghalih kienu issubentraw uliedu stante li miet qabel l-imsemmija Giuseppa Apap) bieghu u ttrasferew lill-imsemmi Giuseppe Galea (zijuhom) id-drittijiet kollha taghhom reali u personali fuq il-lok tad-djar numru 6/7 Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, u fuq sitt porzjonijiet raba’ siti f’lokalitajiet differenti f’Ghawdex kif imfisser fil-kuntratt relattiv u liema beni jinghad, fil-provenjenza tal-kuntratt, li kienu jappartjenu lill-assi partikolari ta’ l-imsemmija Giuseppa Apap.

Illi referenza qeghdha hawnhekk issir ghall-arblu genokologu esebit folio 171 li jindika l-aventi kawza kollha bi dritt li jippartecipaw fil-wirt tal-gja imsemmija konjugi

Apap, li jikkomprendu l-kontendenti kollha partecipi f'din il-kawza b'eskluzzjoni tal-werrieta ta' Emmanuel Galea subentrati fid-drittijiet ta' werrieta tan-nanna materna taghhom l-imsemmija Giuseppa Apap.

Illi huwa ghalhekk impellenti f'dan l-istadju u qabel ma' l-Qorti tipprocedi oltre li jkun stabbilit jekk bit-trasferiment u l-bejgh bil-kuntratt appena citat ghad hemm sehem indiviz spettanti lill-werrieta ta' l-imsemmi Emmanele Galea li dehru qua vendituri fuq il-kuntratt imsemmi minn beni gja formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-imsemmija konjugi Apap.

Illi l-proprjetajiet immobbli in divizjoni jirrizultaw mir-relazzjoni tal-Perit Arkitett nominat u jinsabu elenkati taht l-intestatura 'Propjetajiet Immobbli' (ara folio 249) li tiddeskrivi li jikkonsistu f'diversi bcejjec ta' art distinti u separati u l-fond numru 8, Triq il-Kbira, Sannat. Fil-kuntest tal-proprjetajiet elenkati r-relazzjoni ssemmi beni li tiddistingwi bhala beni parafernali ta' Francesco Apap minn beni ohra li l-Qorti tifhem huma allura komprizi fil-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Apap. Dan isir aktar evidenti mill-kuntratt li bih l-eredi ta' Emmauele Galea ttrasferew lil zijuhom Giuseppe Galea proprjetajiet ghal kollox distinti li fuq kollox gew identifikati bhala proprjeta' partikolari ta' Giuseppa nee Galea u li in forza ta' dan il-kuntratt saru jappartjenu lill-werrieta ta' Giuseppe Galea u specifikatament mahruga 'il barra minn dina d-divizjoni. Il-punt hawnhekk hu li jekk hemm beni komprizi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Apap, kif jirrizultalha lil dina l-Qorti li hemm, allura, fuq l-iskorta tad-dokumenti in atti, dawn il-beni baqghu u huma wkoll proprjeta' indiviza tal-werrieta ta' Emmanuele Galea, li kwindi jfisser li t-talbiet fic-citazzjoni sakemm jirreferu u jirrigwardaw il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Apap ma tistax issehh fl-assenza tal-werrieta ta' Emmanuele Galea. In sostanza dak li jaffermaw l-atturi fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni taghhom, li bil-kuntratt in atti Nutar Joseph Spiteri tat-2 ta' Gunju 1977, huma bieghu d-drittijiet kollha spettanti lilhom mill-wirt ta' Giuseppa nee Galea lil Giuseppe Galea [zijuhom] huwa skorrett stante li ghandu jirrizulta li l-werrieta ta' Emmanuela Galea

ghandhom sehem indiviz f'meta tal-beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Apap, l-awturi tal-kondividenti fic-citazzjoni, b'daqstant li l-beni li huma passibbli li jigu divizi bejn l-istess kontendenti huma biss, f'dan l-istadju u permezz ta' dina c-citazzjoni, dawk proprjeta' partikolari ta' Francesco Apap.

Illi mill-provi u d-dokumenti in atti, partikolarment pero' mir-relazzjoni peritali fuq imsemmija, il-beni partikolari ta' Francesco Apap, gew hekk deskritti:

(a) tliet bicciet art tal-Gebel l-Ahmar bejn Ghajnsielem u Nadur li fihom kejl ta' siegh u kejla, ta' sitt kejliet u ta' siegh u tmien kejliet rispettivament;

(b) raba 'tal-Kantra' jew 'Ras il-Bajjada' ta' cirka zewg sighan;

(c) raba ohra 'tal-Kantra' ta' nofs siegh;

(d) raba ohra 'tal-Kantra', Munxar, ta' cirka siegh;

(e) raba ohra 'ta' Ghajn Meddew', Xaghra, ta' cirka siegh u tliet kejliet patrimonju ta' Dun Anton Bajada.

Il-perit arkitett relatur fil-konfront ta' l-imsemmija artijiet spjega illi dik specifikata taht l-ittra (c) minhabba l-incertezza fl-identifikazzjoni taghha baqghet tali u ma ttehidx konsiderazzjoni taghha, waqt li l-artijiet riferiti taht l-ittri (a), (b), (d), (e) instabu li fihom kejl akbar. Dan il-kejl flimkien mal-valuri taghhom jinsabu ndikati fir-relazzjoni (ara folio 249 l-ahhar paragrafu u 251 u huma murija fil-pjanti relattivi formanti parti r-relazzjoni u markati: dokti P,Q u R ghall-art deskritta taht l-ittra (a) – folio 277, 278 u 279; dok.S ghall-art deskritta taht l-ittra (b) – folio 280; dok.T ghall-art deskritta taht l-ittra (d) – folio 281; dok. U ghall-art deskritta taht l-ittra U – folio 282.

Illi ghandu jkun pacifiku li minhabba n-numru sostanzjali tal-werrieta bi dritt li jibbenefikaw mill-assi partikolari ta' l-awtur taghhom Francesco Apap il-proprjetajiet m'humiex komodament divizibbli u ghalhekk ser ikollhom jigu licitati

u l-provent jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti li ser jissemmew hawn taht:

- ta’ wiehed minn tmintax (1/18) il-parti lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti Salvatore, Nikola, Carmelo, Rosina Mercieca u Maria Buttigieg ulied Felic Apap hu Francesco Apap;

- ta’ wiehed minn tnejn u sittin (1/62) il-parti lil kull wiehed u wahda minn Agnes Buttigieg, Margaret Mizzi, Josephine Mizzi, Carmen Sciberras, Mary Anne Camilleri, Felicia Apap, Anthony, Rose Farrugia u Joseph ulied Giuseppe Apap bin Felic Apap;

- ta’ wiehed minn mija u tmenin (1/180) il-parti lil kull wiehed u wahda minn Josephine Vella, Carmela Xerri rapprezentata mill-kuratur l-Avukat Chris Said, Paola Vella, Elizabeth Bugeja, Helen Bugeja, Mary Jane Bajada, Maria Calleja, Angolina Borg, Felic u Maria Assunta Vassallo ulied il-mejta Ganna Rosa Azzopardi bint l-imsemmi Felic Apap;

- ta’ wiehed minn mija u tmienja (1/108) il-parti lil kull wiehed u wahda minn Maria Gauci, Felic, Anthony, Pawlu, Pauline Azzopardi u Carmelo ulied Rita Curmi bint Felic Apap;

- ta’ wiehed minn mija u tmienja (1/108) il-parti lil kull wiehed u wahda minn Francis, Joyce Spiteri, Philip, Joseph, Doris Calleja u Felicita Sultana ulied Clementa Bonnici bint l-imsemmi Felic Apap;

- ta’ wiehed minn tmienja (1/8) il-parti lil Ludovigo Azzopardi bin Rosina Azzopardi oht Francesco Apap;

- ta’ wiehed minn tmienja (1/8) il-parti lil Francesco Azzopardi bin l-imsemmija Rosina Azzopardi oht Francesco Apap;

- ta’ wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) il-parti lil Frankie, Raymond u Georgina ulied l-imsemmija Rosina Azzopardi gja oht Francesco Apap;

- ta' wiehed minn sittax (1/16) il-parti lil Antoinette Broutzas u John Spiteri ulied Rosina Spiteri kif imfisser fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni;

- ta' wiehed minn tmienja u ghoxrin (1/28) il-parti lil Giovanna Xuereb, Emmanuel, Suor Maria Dolores fis-Seklu Francesca, Margaret Spiteri, Carmela Attard, Maria Cremona u Angolina Cremona li ghaliha qeghdha tidher Doris Spiteri qua kuratrici in rapprezentanza tal-wirt gjacenti taghha.

Ghaldaqstant mit-talbiet tac-citazzjoni tilqa' l-hames u d-disa' talba billi tiddikjara li l-assi partikolari ta' Francesco Apap imsemmija li jikkonsistu fil-beni aktar 'il fuq indikati u liema assi m'humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti jigu licitati u r-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda minnhom kif inghad aktar 'il fuq.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-kontendenti u jigu ripartiti bejniethom skond il-kwota individwali ta' kull wiehed u wahda minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------